REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 366/2009

tal-5 ta' Mejju 2009

li jirreġistra denominazzjoni fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti tal-oriġini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti Lapin Poron liha (DPO)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 tal-20 ta' Marzu 2006 dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u tad-denominazzjonijiet tal-oriġini tal-prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel [1], u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 7(5) tiegħu,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 6(2) tar-Regolament (KE) Nru 510/2006 u b'applikazzjoni tal-Artikolu 17(2) tar-Regolament imsemmi, it-talba mressqa mill-Finlandja għar-reġistrazzjoni tad-denominazzjoni "Lapin Poron liha" kienet ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* [2].

(2) Fis-26 ta' Ġunju 2008, il-Kummissjoni ġiet innotifikata b'dikjarazzjoni ta' oġġezzjoni mill-Iżvezja, skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 510/2006. Din l-oppożizzjoni tissejjes fuq l-Artikolu 7(3), l-ewwel subparagrafu, il-punti a), c) u d), tar-Regolament imsemmi. Fiddikjarazzjoni ta' oppożizzjoni tagħha, l-Iżvezja qieset li ma kinux sodisfatti l-kundizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 2 tar-Regolament imsemmi rigward ir-reġistrazzjoni; li r-reġistrazzjoni tad-denominazzjoni konċernata tkun ta' ħsara għal denominazzonijiet, marki jew prodotti eżistenti, u li d-denominazzjoni konċernata hija ġenerika.

(3) Il-Kummissjoni qieset li l-oppożizzjoni msemmija kienet aċċettabbli, u, b'ittra tal-4 ta' Awwissu 2008, lill-Istati Membri konċernati stednithom jilħqu qbil bejniethom skont il-proċeduri interni tagħhom.

(4) Intlaħaq qbil, innotifikat lill-Kumissjoni fis-27 ta' Frar 2009, bejn il-Finlandja u l-Iżvezja f'perjodu ta' sitt xhur. Skont dan il-qbil, l-Iżvezja ma topponix ir-reġistrazzjoni tad-denominazzjoni "Lapin Poron liha". Inqabel li l-modalitajiet tat-tikkettar tal-laħam tar-renni jew tal-prodotti magħmula mil-laħam tar-renni li joriġinaw fil-Lapponja Żvediża għandhom jirrispettaw l-Artikolu 13 tar-Regolament (KE) Nru 510/2006.

(5) Dan il-qbil ma jibdilx l-informazzjoni ppubblikata skont l-Artikolu 6(2) tar-Regolament (KE) Nru 510/2006. Għaldaqstant, id-denominazzjoni "Lapin Poron liha" għandha tkun irreġistrata skont l-Artikolu 7(4) tar-Regolament imsemmi,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Id-denominazzjoni msemmija fl-Anness għal dan ir-Regolament b'dan hija rreġistrata.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 5 ta' Mejju 2009.

Għall-Kummissjoni

Mariann FISCHER BOEL

Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 93, 31.3.2006, p. 12.
[2] ĠU C 19, 25.1.2008, p. 22.

ANNESS

Prodotti agrikoli maħsuba għall-konsum mill-bniedem elenkati fl-Anness I tat-Trattat tal-KE:

Klassi 1.1. Laħam (u l-interjuri) frisk(i)

IL-FINLANDJA

Lapin Poron liha (DPO)